# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

# IMĦALLEF

# ONOR. TONI ABELA LL.D.

**Mandat ta' Inibizzjoni Nru 387/2022/1**

**Joseph Sammut**
**Vs**
**Awtorita' ta' l-Artijiet et**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' Joseph u Emmanuela konjuġi Sammut (ir-rikorrenti) tas-17 ta' Marzu 2022.

Rat ir-risposta tal-Aġenzija ghall-Infrastruttura Malta (l-Aġenzija intimata) tat-28 ta' Marzu 2022.

Rat ir-risposta tal-Awtorita' tal-Artijiet (Intimata Awtorita') u tal-Uffiċċju Konġunt (Intimat Uffiċċju).

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Zammet aċċess fuq il-post mertu ta' dawn il-proċeduri.

Rat li r-rikors tħalla' ghal digriet *in camera*.

**Konsiderazzjonijiet**

Dak li jridu r-rikorrenti huwa, li jżommu lill-intimati jew min minnhom milli jghaddu triq minn raba' li hija mqabbla lilhom mill-intimata Awtorita, kif tidher immarkata bil-blu fil-pjanta li tinsab a fol 36. Din it-Triq hija dik indikata f'Dok A (a' fol 15). Din it-triq hija maħsuba li twassal ghar-razzett li jappartjeni lil ċertu David Borg li jrabbi n-nagħaġ u li kif rriżulta waqt l-aċċess anke għandu l-

premessi kollha relattivi biex iwettaq l-attivita' ta' raħħal. Din l-attivita' tikkonsisti fil-manufattura ta' ġbejniet. Dan David Borg ma hux parti għal dawn il-proċeduri.

Ir-rikorrenti qegħdin isostnu li dan David Borġ għandu minn fejn jghaddi. Bhala passaġġi indikaw speċi ta' mogħdija wiesgħa ċirca tlett piedi u nofs, li hija parti integrali ta' diga' ossia damm. Dan jidher ċar fir-ritratti esebiti mill-partijiet għal dawn il-proċeduri, li f'uħud minnhom jidher l-Imħallef sedenti.

Passaġġ ieħor ukoll indikat fir-ritratti. Dwar dan il-passaġġ ir-rikorrenti sostnew, li kull meta l-imsemmi David Borġ ried jgħaddi dejjem ħallewħ, izda bwona grazzja tagħhom, jiġifieri mhux bi dritt. Waqt l-aċċess, l-intimata Awtorita' iddikjarat li ser tittermina dik il-qbiela tar-rikorrent limitatament għal parti minn fejn ser jgħaddi dan il-passaġġ. Il-Qorti kellha opportunita' tikkonstata, li mir-raba' tar-rikorrenti ser tittieħed parti zgħira ħafna fejn jinħadem. Il-parti kbira tat-triq ser tkun qed tgħaddi minn art li ma tinħadimx.

Jibda biex jiġi rilevat, li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li, fost l-oħrajn, iżżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat. Jeħtieġ għalhekk li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak.

L-ewwel ħaġa li jrid juri hi li l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (prima facie) dawk il-jeddijiet. Minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak.

Huwa ukoll ta' siwi li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din hija waħda sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd;

F'dan is-sens il-mandat ta' Inibizzjoni huwa meżż proċedurali eċċezzjonali. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser, li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax, il-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu (Ara gġall-elementi meħtiega **Digriet tal-Qorti tal-Kummerċ tat-22**

**ta' Settembru 1994 fl-Atti tar-rikors fl-ismijiet Anġelo Xuereb -vs- Marin Ħili**).

Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar ic-cirkostanzi li għandha quddiemha u qieset is-segwenti:

1. Mill-art imqabbla lir-rikorrenti hija parti zgħira ħafna li għandha utilita' agrikola li ser tittieħed.

2. Mill-passaġġi li qed jingħad li għandu r-raħħal David Borġ, wieħed ma hu passaġġ xejn. Huwa parti minn struttura ta' diga li tippresenta perikoli manifesti anke kif jidhru mir-ritratti li huma esebiti. Kwantu għall-passagg l-ieħor, l-istess rikorrenti jgħidu li jħallu lit-terz jgħaddi minn hemm bil-**bwona volonta'** tagħhom. Ghalhekk dan ma jistax jkun kkunsidrat, għaliex x'ħin iridu jistgħu iwaqqfuħ.

3. Li t-terz jidher li huwa bona fide raħħal, u ma hux il-każ li din it-triq ser isservi lil xi ħadd partikulari li ma jopera ebda attivita' agrikola. Di fatti waqt l-aċċess it-terz anke għamel dikjarazzjoni li ma kienx ser ibiddel id-destinazzjoni kurrenti tar-razzett u kif ukoll irrefera għall-permessi relattivi li għandu biex iwettaq l-attivita' ta' raħħal.

Il-Qorti ma tħossx, li ai fini ta' dawn il-proċeduri r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw l-elementi principali sabiex jinħareg il-mandat. Zgur mhux ser isoffru danni rrimedjabbli, għaliex il-parti li ser tittieħed, paragonata mal-bqija ta' l-art imqabbla, hija negliġibbli, filwaqt il-parti tal-qbiela ser tibqa' intatta.

Fl-aħħar nett, din il-Qorti dejjem sostniet, li meta jkun hemm terz interessat, dan dejjem għandu jkun parti għall-proċeduri bhal dawn, sabiex hu wkoll ikun jista' jħares l-interessi tiegħu. Huwa manifest, li meta giet presentata il-proċedura odjerna, ir-rikorrenti kienu jafu bl-esistenza tat-terz tant li kien ir-rikorrent stess li indikaħ fil-kors tas-smiegħ tal-provi. B'dana kollhu għażlu li jħalluħ barra minn dawn il-proċeduri. Fir-rigward ta' terz interessat fi proċeduri bħal dawn, din il-Qorti kif presjeduta kellha dan xi tgħid:

*"Għalhekk, ġaladarba dawn il-proċeduri jistgħu jaffettwawh, anke in vista tal-fatt, li kif diġa' ingħad, fi proċeduri bħal dawn ma jistax jipprevali ruħu mill-fakulta' taħt artikolu 960 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta, kien neċessarju, li jkun parti f'dawn il-proċeduri formalment. B'hekk jitqiegħed ukoll fil-posizzjoni, li jeżerċita d-drittijiet tiegħu taħt il-liġi, skont il-proċedura apposita, f'każ li ma jaqbilx mad-digriet ta' din il-Qorti. Għalhekk f'dan ir-rigward ir-rikors jonqos, għaliex ma hux sewwa, li din il-Qorti tilqa' talbiet bħal dawn, meta l-interess ta' terzi li jistgħu jintlaqtu bl-effetti ta' dawn il-proċeduri kienu manifestament magħrufa fil-mument li ġew intavolati dawn il-proċeduri."* (**Digriet tal-5 ta' Jannar, 2021, Rikors Numru 1751/2020TA , fl-ismijiet Malta Association**

**of Professional Engineers [MAPE] – Trade Union Reġistrata bin-Numru: 311- vs- Il-Bord tal-Professjoni tal-Inġinerija et**).

Fl-aħħar nett, din il-Qorti tirrakkomanda, li f'dik il-parti tar-raba' minn fejn ser tgħaddi t-triq fejn ma jinħadimx, il-pipe ta' l-ilma li jghaqdi lir-rikorrenti jiġi integrat fit-twettiq tax-xogħlijiet.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi r-rikors billi **ticħad** it-talbiet kollha tar-rikorrenti u konsegwentement tordna t-tħassir ta' l-ordni proviżorja taghħa tas-17 ta' Marzu 2022.

Spejjeż ghar-rikorrenti.

Illum, 7 ta' April, 2022

**IMHALLEF TONI ABELA LL.D.**